A.L. 108 tal-2009

ATT TAL-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2009 dwar il-Protezzjoni tal-Ilma ta' taħt l-Art kontra t-Tniġġiż u d-Deterjorament

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2009 dwar il-Protezzjoni tal-Ilma ta' taħt l-Art kontra t-Tniġġiż u d-Deterjorament.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħħlu fis-seħħ fis-16 ta' Jannar, 2009.

(3) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-Direttiva 2006/118/KE u li jistabbilixxu miżuri speċifiċi biex jiġi prevenut u protett l-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġiż u d-deterjorazzjoni. Dawn il-miżuri jinkludu b'mod partikolari:

(a) kriterji għall-valutazzjoni tal-istat kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art; u

(b) kriterji għall-identifikazzjoni u t-treġġigħ lura ta' tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti għad-definizzjoni ta' punti tal-bidu għal treġġigħ lura tat-tendenzi.

Tifsir.

2. (1) Kemm il-darba dawn ir-regolamenti ma jkunux jeħtieġu xort'oħra, it-tifsiriet fl-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi għandhom japplikaw.

(2) F'dawn ir-regolamenti kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"dħul ta' kontaminant fl-ilma ta' taħt l-art" tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta ta' kontaminanti fl-ilma ta' taħt l-art bħala riżultat ta' attività umana;

"ilma ta' taħt l-art" tfisser l-ilma kollu li jinsab taħt il-wiċċ tal-art fiż-żona ta' saturazzjoni u f'kuntatt dirett ma' l-art jew taħt il-wiċċ tal-ħamrija;

"livell ta' sfond" tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza jew il-valur ta' indikatur f'ġabra ta' ilma ta' taħt l-art li tikkorrespondi ma' l-ebda alterazzjoni antropoġenika, jew ma' alterazzjoni minuri ħafna biss, għal kundizzjonijiet mhux disturbati;

"livell ta' bażi" tfisser il-medja tal-valur imkejjel mill-inqas matul is-snin ta' referenza 2007 u 2008 fuq bażi tal-programmi ta' monitoraġġ implimentati taħt ir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, jew, fil-każ ta' sustanzi identifikati wara dawn is-snin ta' referenza, matul l-ewwel perjodu li għalih perjodu rappreżentattiv ta' data ta' monitoraġġ ikun disponibbli.

A.L. 194 ta' l-2004.

"*standard* tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art" tfisser *standard* tal-kwalità ambjentali espress bħala l-konċentrazzjoni ta' kontaminant partikolari, grupp ta' kontaminanti jew indikatur ta' tniġġiż fl-ilma ta' taħt l-art, li ma jistax jinqabeż sabiex ikunu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent;

"tendenza li tiżdied u li hija sinifikanti u sostnuta" tfisser kull żjieda ta' konċentrazzjoni ta' sustanza inkwinanti li hija statistikament u ambjentalment sinifikanti, grupp ta' sustanzi inkwinanti, jew indikatur ta' tniġġis fl-ilma ta' taħt l-art li għaliha t-treġġigħ lura tat-tendenza ikun identifikat bħala meħtieġ skond dawn ir-regolamenti;

"uffiċjal" tfisser u tinkludi kull persuna impjegata ma', allokata fuq dmirijiet ma', jew b'xi mod, ikun li jkun, taqdi dmirijiet għal jew f'isem l-Awtorità;

"valur ta' limitu" tfisser *standard* tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art stabbilit mill-Awtorità skond dawn ir-regolamenti.

Applikabilità.

3. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll għal miżuri sabiex tiġi evitata d-deterjorazzjoni tal-istat tal-korpi kollha tal-ilma ta' taħt l-art. Ir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma għandhom ukoll japplikaw sakemm ma jkunux inkonsistenti ma' dawn ir-regolamenti.

Kriterji għall-valutazzjoni ta' l-istat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art.

4. (1) Il-kriterji li ġejjin għandhom jintużaw għall-fini tal-valutazzjoni tal-istat kimiku ta' korp jew grupp ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art:

(a) *standards* tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art kif imsemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(b) valuri ta' limitu li għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità skond il-proċedura stabbilita fil-Parti A tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għall-kontaminanti, gruppi ta' kontaminanti u indikaturi tat-tniġġiż li, fit-territorju ta' Malta, ġew identifikati bħala li jikkontribwixxu għall-karatterizzazzjoni ta' korpi, jew gruppi ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art, bħala li jkunu f'riskju, u li tingħata importanza lil-lista li tinsab fil-Parti B tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-valuri ta' limitu għall-ilma ta' taħt l-art li japplikaw għal stat kimiku tajjeb għandhom ikunu bażati fuq il-protezzjoni tal-korp ta' ilma ta' taħt l-art skond punti 1, 2 u 3 tal-Parti A tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, b'konsiderazzjoni partikolari għall-impatt tiegħu fuq, u l-interrelazzjoni ma', l-ilmijiet tal-wiċċ assoċjati u l-ekosistemi terrestri u l-artijiet mistagħdra li huma direttament dipendenti fuqhom u għandhom fost l-oħrajn jikkunsidraw l-għarfien dwar it-tossikoloġija umana u l-ekotossikoloġija.

(3) L-Awtorità għandha tistabbilixxi u tippubblika valuri ta' limitu fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċiri tax-xmajjar li għandhom jiġu preżentati skond ir-regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, li għandhom jinkludu sinteżi tal-informazzjoni stabbilita fil-Parti Ċ tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(4) L-Awtorità għandha, fejn tqis meħtieġ, temenda l-lista ta' valuri ta' limitu kull meta informazzjoni ġdida dwar kontaminanti, gruppi ta' kontaminanti jew indikaturi tat-tniġġiż tindika li l-valur ta' limitu għandu jiġi stabbilit għal sustanza addizzjonali, li l-valur ta' limitu eżistenti għandu jiġi emendat,

jew li l-valur ta' limitu li qabel ġie mneħħi mil-lista għandu jerġa jiddaħħal, sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Kull bidla bħal dik fil-lista ta' valuri ta' limitu għandha tiġi rappurtata fil-kuntest tar-reviżjoni perjodika tal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċiri tax-xmajjar.

Proċedura għall-valutazzjoni ta' l-istat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art.

5. (1) L-Awtorità għandha tuża l-proċedura stabbilita fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament biex tivvaluta l-istat kimiku ta' korp tal-ilma ta' taħt l-art. L-Awtorità għandha tistabbilixxi li korp jew grupp ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art ikun kunsidrat li hu fi stat kimiku tajjeb meta:

(a) il-monitoraġġ rilevanti juri li l-kundizzjonijiet stipulati fit-Tabella 2.3.2 tal-Ħames Skeda li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma qegħdin jintlaħqu; jew

(b) il-valuri tal-i*standards* tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u l-valuri ta' limitu rilevanti stabbiliti skond regolament 4 u t-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti ma jeċċedux f'xi punt ta' monitoraġġ f'dak il-korp, jew grupp ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art; jew

(ċ) il-valur għal *standard* tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art jew valur ta' limitu jkun jeċċedi f'punt ta' monitoraġġ wieħed jew aktar iżda investigazzjoni xierqa skond it-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti tikkonferma li:

(i) fuq bażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, il-konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti li jeċċedu l-i*standards* tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art jew il-valuri ta' limitu mhumiex ikkunsidrati li qed joħolqu riskju ambjentali sinifikanti, bl-importanza tingħata, fejn xieraq, sa fejn il-korp tal-ilma ta' taħt l-art jkun qed jiġi affettwat;

(ii) il-kundizzjonijiet l-oħra għal stat kimiku tajjeb ta' ilma ta' taħt l-art stabbiliti fit-Tabella 2.3.2 fil-Ħames Skeda li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma qed jiġu milħuqa, skond paragrafu 4 tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(iii) għal korpi ta' ilma ta' taħt l-art identifikati skond r-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, l-ħtiġiet ta' dawk ir-regolamenti qegħdin jiġu milħuqa skond paragrafu 4 tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(iv) il-kapaċità tal-korp tal-ilma ta' taħt l-art, jew ta' kull korp fil-grupp ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art, li jsostni użi mill-bniedem ma tkunx ġiet imdgħajfa b'mod sinifikanti mit-tniġġiż.

(2) L-għażla ta' siti ta' monitoraġġ tal-ilma ta' taħt l-art għandha tissodisfa l-ħtiġiet tas-Sezzjoni 2.4 tal-Ħames Skeda li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma biex ikunu mfassla sabiex jipprovdu ħarsa komprensiva u koerenti tal-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art u biex tiġi provduta data ta' monitoraġġ rappreżentattiva.

(3) L-Awtorità għandha tippubblika sintesi tal-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċiri tax-xmajjar skond ir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma. Dik is-sintesi, stabbilita fil-livell tad-distrett tal-baċir tax-xmara jew il-parti tad-distrett tal-baċir internazzjonali tax-xmara li jaqa' fit-territorju ta' Malta, għandha tinkludi wkoll spjegazzjoni ta' kif ġew kunsidrati eċċedenzi ta' *standards* tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art jew valuri ta' limitu f'punti ta' monitoraġġ individwali fil-valutazzjoni finali.

(4) L-Awtorità għandha tieħu dawk il-miżuri kif jista' jkun meħtieġ, skond ir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, biex jiġu protetti ekosistemi akwatiċi, ekosistemi terrestri u użi mill-bniedem tal-ilma ta' taħt l-art dipendenti fuq il-parti tal-korp ta' ilma ta' taħt l-art rappreżentata mill-punt jew punti ta' monitoraġġ li fih il-valur tal-i*standard* tal-kwalità ta' ilma ta' taħt l-art jew valur ta' limitu jkun eċċeda meta korp ta' ilma ta' taħt l-art huwa klassifikat li qiegħed fi stat kimiku tajjeb skond is-subregolament 1(ċ) ta' dan ir-regolament.

L-identifikazzjoni ta' tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti u d-definizzjoni ta' punti ta' tluq għat-treġġigħ lura ta' tendenzi.

6. (1) L-Awtorità għandha tidentifika kull tendenza sinifikanti u sostnuta li qed tiżdied f'konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti, gruppi ta' kontaminanti u indikaturi ta' tniġġiż misjuba f'korpi, jew fi gruppi ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art, identifikati bħala li qegħdin riskju u tiddefinixxi l-punt ta' tluq għat-treġġigħ lura ta' dik it-tendenza, skond ir-Rabà Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) L-Awtorità għandha, skond Parti B tar-Rabà Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, treġġa' lura tendenzi li jippreżentaw riskju ta' ħsara sinifikanti għall-kwalità tal-ekosistemi akwatiċi jew terrestri, għas-saħħa tal-bniedem, jew għal użi leġittimi attwali jew potenzjali tal-ambjent tal-ilma, permezz ta' programm ta' miżuri imsemmija fir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, sabiex jitnaqqas b'mod progressiv it-tniġġiż u sabiex tiġi evitata d-deterjorazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art.

(3) L-Awtorità għandha tiddefinixxi l-punt ta' tluq għat-treġġigħ lura ta' tendenzi bħala persentaġġ tal-livell tal-i*standards* tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art stabbiliti fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u tal-valuri ta' limitu stabbiliti skond regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, fuq bażi tat-tendenza identifikata u r-riskju ambjentali assoċjat magħha, skond Parti B, Punt 1 tar-Rabà Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(4) L-Awtorità għandha, fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċiri ta' xmara li għandhom jiġu preżentati skond ir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, tagħmel sintesi:

(a) tal-mod kif il-valutazzjoni tat-tendenza minn punti ta' monitoraġġ individwali f'korp jew grupp ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art ikkontribwixxiet biex tidentifika skond Sezzjoni 2.5 tal-Ħames Skeda tar-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, li dawk il-korpi huma soġġetti għal tendenza sinifikanti u sostnuta li qed tiżdied f'konċentrazzjoni ta' kull kontaminant jew treġġigħ lura ta' dik it-tendenza; u

(b) ir-raġunijiet għall-punti ta' tluq mfissra skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti.

(5) L-Awtorità għandha, meta jkun meħtieġ biex jiġi valutat l-impatt ta' traċċi eżistenti ta' tniġġiż f'korpi ta' ilma ta' taħt l-art li jistgħu jheddu l-kisba tal-oġġettivi fir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, u b'mod partikolari dawk it-traċċi li jirriżultaw minn punti ta' sorsi u art kontaminata, twettaq verifiki ta' tendenzi addizzjonali għall-kontaminanti identifikati sabiex tivverifika li traċċi minn siti kontaminati ma jinfirxux, ma jiddeterjorawx l-istat kimiku tal-korp jew grupp ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art, u ma jattribwixxux riskju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Ir-riżultati ta' dawn

il-valutazzjonijiet għandhom jitniżżlu f'sommarju fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċiri ta' xmara li għandhom jiġu preżentati skond ir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma.

Miżuri biex jipprevjenu jew jillimitaw id-dħul ta' kontaminanti fl-ilma ta' taħt l-art.

7. (1) L-Awtorità għandha tiżgura, għall-fini biex jiġi evitat u, jew limitat dħul ta' kontaminanti fl-ilma ta' taħt l-art diġa` stabbilit skond ir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, li l-programm ta' miżuri stabbiliti skond dawk ir-regolamenti, jinkludi:

(a) il-miżuri kollha meħtieġa li jevitaw dħul fl-ilma ta' taħt l-art ta' kull sustanza perikoluża, bla ħsara għal subregolament (2) ta' dan ir-regolament. Fl-identifikazzjoni ta' dawk il-materjali, l-Awtorità għandha b'mod partikolari tikkunsidra s-sustanzi perikolużi li jagħmlu parti mill-familji jew gruppi ta' kontaminanti imsemmija fil-punti 1 sa 6 tat-Tmin Skeda tar- Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, kif ukoll ta' sustanzi li huma parti mill-familji jew gruppi ta' kontaminanti msemmija fil-punti 7 sa 9 tal-imsemmija Skeda, fejn dawn huma kkunsidrati bħala perikolużi;

(b) għal kontaminanti elenkati fl-imsemmija Skeda li mhumiex kunsidrati bħala perikolużi, u kontaminanti oħrajn li mhumiex perikolużi u li mhumiex elenkati f'dik l-Iskeda u li huma kunsidrati mill-Awtorità li jippreżentaw riskju ta' tniġġiż eżistenti jew potenzjali, il-miżuri kollha meħtieġa biex jillimitaw id-dħul fl-ilma ta' taħt l-art sabiex jiġi żgurat li dak id-dħul ma jikkawżax deterjorament jew tendenza sinifikanti u sostnuta li qed tiżdied fil-konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti fl-ilma ta' taħt l-art. Dawk il-miżuri għandhom jikkunsidraw minn tal-anqas l-aħjar prattika stabbilita, inklużi l-Aħjar Prattika Ambjentali u l-Aħjar Tekniki Disponibbli.

(2) L-Awtorità għandha, fejn ikun teknikament possibbli tikkunsidra d-dħul ta' kontaminanti minn sorsi mxerrda ta' tniġġiż li jkollhom impatt fuq l-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art.

L-Ewwel Skeda

Regolamenti 4 u 5

STANDARDS TA' KWALITÀ GĦALL-ILMA TA' TAĦT L-ART

1. Għal fini ta'valutazzjoni ta'l-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art skond regolament 5, l-i*standards* ta' kwalità għall-ilma ta' taħt l-art li ġejjin huma l-i*standards* ta' kwalità msemmija fit-Tabella 2.3.2 fil-Ħames Skeda li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma u li jkunu stabbiliti skond dawk ir-regolamenti.

Kontaminant	*Standards* ta' kwalita`
Nitrati	50 mg/l
Sustanzi attivi f'pestiċidi, inklużi l-metaboliti, prodotti ta' degradazzjoni u reazzjoni rilevanti tagħhom[1]	0.1 µg/l 0.5 µg/l (total)[2]

2. Ir-riżultati tal-applikazzjoni tal-i*standards* ta' kwalità għall-pestiċidi bil-mod speċifikat għall-fini ta' dawn ir-regolamenti huma mingħajr preġudizzju għar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskju meħtieġa mid-Direttiva 91/414/KEE jew id-Direttiva 98/8/KE.

3. Fir-rigward ta' korp determinat ta' ilma ta' taħt l-art, meta jkun kunsidrat li l-i*standards* ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art ikunu jistgħu jwasslu għan-nuqqas ta' kisba tal-objettivi

[1] 'Pestiċidi' tfisser prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali kif definiti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 91/414/KEE u fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/8/KE, rispettivament.

[2] 'Total' tfisser is-somma tal-pestiċidi kollha individwali skoperti u kwantifikati fil-proċedura ta' monitoraġġ, inklużi l-metaboliti rilevanti tagħhom, u l-prodotti ta' degradazzjoni u ta' reazzjoni tagħhom.

ambjentali speċifikati fir- Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta’ Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma għall-korpi ta' ilma tal-wiċċ assoċjati, jew iwasslu għal xi tnaqqis sinifikanti tal-kwalità ekoloġika jew kimika ta' dawn il-korpi, jew xi ħsara sinifikanti għall-ekosistemi terrestri li jiddependu direttament mill-korp ta' ilma ta' taħt l-art, valuri iżjed stretti ta' limitu jkunu stabbiliti skond regolament 4 u t-Tieni Skeda li tinsab ma’ dawn ir-regolamenti. Il-programmi u l-miżuri meħtieġa fir-rigward ta' dak il-valur ta' limitu japplikaw ukoll għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 91/676/KEE.

It-Tieni Skeda

Regolamenti 4 u 5

VALURI TA' LIMITU GĦAL KONTAMINANTI TAL-ILMA TA' TAĦT L-ART U INDIKATURI TAT-TNIĠĠIŻ

Parti A

Linji gwida għall-istabbiliment ta' valuri ta' limitu mill-Awtorità skond regolament 4

L-Awtorità tistabbilixxi valuri ta' limitu għal kontaminanti kollha u indikaturi tat-tniġġiż li, skond il-karatterizzazzjoni mwettqa skond ir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, jikkaratterizzaw il-korpi jew gruppi ta' korpi tal-ilma taħt l-art li huma f'riskju li jonqsu milli jiksbu stat kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art.

Il-valuri ta' limitu jkunu stabbiliti b'dak il-mod li, jekk ir-riżultati tal-monitoraġġ f'punt ta' monitoraġġ rappreżentattiv jaqbżu l-limiti, dan ikun jindika riskju li kundizzjoni waħda jew iżjed għall-istat kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art imsemmija fir-regolament 5 (1)(ċ)(ii), (iii) u (iv) mhux qed tiġi sodisfatta. Meta tiġi biex tistabbilixxi l-valuri ta' limitu, l-Awtorità tikkunsidra l-linji gwida li ġejjin:

1. id-deċiżjoni biex jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għandha tkun ibbażata fuq:

a) il-livell ta' interazzjonijiet bejn l-ilma ta' taħt l-art u l-ekosistemi akwatiċi assoċjati u ekosistemi terrestri dipendenti;

b) l-interferenza ma' użi jew funzjonijiet leġittimi attwali jew potenzjali tal-ilma ta' taħt l-art;

ċ) il-kontaminanti kollha li jikkaratterizzaw il-korpi ta' ilma ta' taħt l-art bħala li huma f'riskju, u billi tingħata importanza lill-listi minimi mniżżla fil-parti B;

d) karatteristiċi idro-ġeoloġiċi inkluż informazzjoni dwar livelli fl-isfond u l-bilanċ tal-ilma.

2) id-determinazzjoni tal-valuri ta' limitu għandha tikkunsidra wkoll l-oriġini tal-kontaminanti, il-possibbiltà tal-okkorrenza naturali tagħhom, it-tossikoloġija u t-tendenza għat-tifrix tagħhom, il-persistenza tagħhom u l-potenzjal tagħhom ta' bijo-akkumulazzjoni.

3) kull meta l-livelli tal-isfond għoljin ta' sustanzi jew joni jew l-indikaturi tagħhom jokkorru minħabba raġunijiet idroġeoloġiċi naturali, għandhom jiġu kunsidrati, dawn il-livelli tal-isfond fil-ġabra rilevanti tal-ilma ta' taħt l-art meta jkunu qed jiġu stabbiliti valuri ta' limitu.

4) id-determinazzjoni tal-valuri ta' limitu għandha tiġi sostnuta minn mekkaniżmu ta' kontroll għad-*data* miġbura, bbażat fuq valutazzjoni tal-kwalità tad-*data*, fuq konsiderazzjonijiet analitiċi, u fuq livelli tal-isfond għas-sustanzi li jistgħu jokkorru kemm b'mod naturali kemm bħala riżultat ta' attivitajiet tal-bniedem.

Parti B

Listi minimi ta' kontaminanti u l-indikaturi tagħhom li għalihom l-Awtorità għandha tikkunsidra l-istabbiliment ta' valuri ta' limitu skond regolament 4

1. Sustanzi jew joni jew indikaturi, li jistgħu jokkorru kemm b'mod naturali kemm bħala riżultat ta' attivitajiet tal-bniedem

Arseniku

Kadmju

Ċomb

Merkurju

Ammonju

Kloru

Sulfat

2. Sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem

Trikloroetilene

Tetrakloroetilene

3. Parametri indikattivi ta' dħul ta' mluħ jew dħul ieħor[3]

Konduttività

Parti Ċ

Informazzjoni li għandha tingħata mill-Awtorità fir-rigward tal-kontaminanti u l-indikaturi tagħhom li għalihom ġew stabbiliti valuri ta' limitu

L-Awtorità tagħmel sintesi fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċir tax-Xmara li għandhom jiġu preżentati skond ir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, dwar il-mod kif il-proċedura stabbilita fil-Parti A ta' din l-Iskeda ġiet segwita.
B'mod partikolari, l-Awtorità tipprovdi, fejn ikun vijabbli:

a) informazzjoni dwar in-numru ta' korpi jew gruppi ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art karatterizzati bħala li huma f'riskju u dwar il-kontaminanti u l-indikaturi tat-tniġġiż li jikkontribwixxu għal din il-klassifikazzjoni, inklużi l-konċentrazzjonijiet/valuri osservati;

b) informazzjoni dwar kull wieħed mill-korpi ta' ilma ta' taħt l-art karatterizzati bħala li huma f'riskju, b'mod partikolari d-daqs tal-korpi, ir-relazzjoni bejn il-korpi ta' ilma ta' taħt l-art u l-ilmijiet assoċjati tal-wiċċ u l-ekosistemi terrestri dipendenti direttament u, f'każ ta' sustanzi li jokkorru b'mod naturali, il-livelli naturali tal-isfond fil-korpi ta' ilma ta' taħt l-art;

[3] Fir-rigward ta' konċentrazzjonijiet ta' mluħ li jirriżultaw minn attivitajiet tal-bniedem, l-Awtorità tista` tiddeċiedi li tistabbilixxi valuri ta' limitu jew għas-sulfat u l-kloridu jew għall-konduttività.

ċ) il-valuri ta' limitu, kemm jekk japplikaw fil-livell nazzjonali, fil-livell tad-distrett tal-baċir tax-xmara kemm jekk fil-parti tad-distrett tal-baċir internazzjonali tax-xmara li taqa' fit-territorju ta' Malta, kemm jekk fil-livell ta' korp jew grupp ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art;

d) ir-relazzjoni bejn il-valuri ta' limitu u:

(i) fil-każ ta' sustanzi li jokkorru b'mod naturali, il-livelli tal-isfond osservati;

(ii) l-objettivi ta' kwalità ambjentali u *standards* oħra għall-protezzjoni tal-ilma li jeżistu fuq livell nazzjonali, Komunitarju jew internazzjonali; u

(iii) kull informazzjoni rilevanti dwar it-tossikoloġija, l-eko-tossikoloġija, il-persistenza, il-potenzjal ta' bijoakkumulazzjoni, u t-tendenza ta' tifrix tal-kontaminanti.

It-Tielet Skeda

Regolamenti 4 u 5

STIMA TAL-ISTAT KIMIKU TAL-ILMA TA' TAĦT L-ART

1. Il-proċedura ta' valutazzjoni biex jiġi determinat l-istat kimiku ta' korp jew grupp ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art għandha titwettaq f'relazzjoni mal-korpi jew gruppi ta' korpi kollha tal-ilma ta' taħt l-art karatterizzati bħala li huma f'riskju u fir-rigward ta' kull wieħed mill-kontaminanti li jikkontribwixxu għall-korp jew grupp ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art li huma karatterizzati hekk.

2. Fit-twettiq ta' kull investigazzjoni msemmija fir-regolament 5 (1)(ċ), l-Awtorità għandha tikkunsidra:

a) l-informazzjoni miġbura bħala parti mill-karatterizzazzjoni li trid titwettaq skond ir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma u taħt is-Sezzjonijiet 2.1, 2.2 u 2.3 tat-Tieni Skeda ma' dawk ir-regolamenti;

b) ir-riżultati tan-*network* ta' monitoraġġ tal-ilma ta' taħt l-art miksuba skond is-Sezzjoni 2.4 tal-Ħames Skeda tar-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma; u

ċ) kull informazzjoni rilevanti oħra inkluż tqabbil bejn il-konċentrazzjoni aritmetika medja annwali tal-kontaminanti rilevanti f'punt ta' monitoraġġ u l-i*standards* ta' kwalità

tal-ilma ta' taħt l-art stabbiliti fl-Ewwel Skeda u l-valuri ta' limitu stabbiliti mill-Awtorità skond regolament 4 u t-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

3. Għall-fini ta' investigazzjonijiet dwar jekk intlaħqux il-kundizzjonijiet għal stat kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt lart imsemmija f'regolament 5 (1)(ċ) (i) u (iv), l-Awtorità, għandha fejn ikun rilevanti u meħtieġ, u fuq bażi ta' aggregazzjonijiet xierqa tar-riżultati tal-monitoraġġ, sostnuti fejn meħtieġ bi stimi ta' konċentrazzjoni bbażati fuq mudell konċettwali tal-korp jew grupp ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art, tistma kemm il-korp ta' ilma ta' taħt l-art għandu konċentrazzjoni aritmetika medja annwali ta' kontaminant ogħla minn *standard* ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art jew minn valur ta' limitu.

4. Għall-fini ta' investigazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet għal stat kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art imsemmija f'regolament 5(1)(ċ) (ii) u (iii) intlaħqux, l-Awtorità għandha, fejn ikun rilevanti u meħtieġ, u fuq bażi tar-riżultati rilevanti ta' monitoraġġ u ta' mudell konċettwali adatt tal-korp ta' ilma ta' taħt l-art, tivverifika:

a) l-impatt tal-kontaminanti fil-ġabra tal-ilma ta' taħt l-art;

b) l-ammonti u l-konċentrazzjonijiet tal-kontaminanti li jiġu, jew li x'aktarx jiġu, trasferiti mill-korp ta' ilma ta' taħt l-art għall-ilmijiet assoċjati tal-wiċċ jew ekosistemi terrestri direttament dipendenti;

ċ) l-impatt probabbli tal-ammonti u l-konċentrazzjonijiet tal-kontaminanti trasferiti għall-ilmijiet assoċjati tal-wiċċ u għal ekosistemi terrestri dipendenti direttament;

d) il-livell ta' kull dħul ta' mluħ jew dħul ieħor fil-korp ta' ilma ta' taħt l-art; u

e) r-riskju mill-kontaminanti fil-korp tal-ilma ta' taħt l-art għall-kwalità ta' ilma li jinġabar, jew maħsub li jinġabar, mill-korp tal-ilma ta' taħt l-art għall-konsum mill-bniedem.

5. L-Awtorità għandha tippreżenta l-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art ta' korp jew grupp ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art fuq mapep skond is-Sezzjonijiet 2.4.5 u 2.5 tal-Ħames Skeda li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma. Barra minn hekk, l-Awtorità għandha tindika fuq dawn il-mapep il-punti kollha ta' monitoraġġ fejn l-i*standards* tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art u, jew il-valuri ta' limitu jkunu nqabżu, fejn ikun rilevanti u vijabbli.

Ir-Raba` Skeda

Regolamenti 4 u 6

IDENTIFIKAZZJONI U TREĠĠIGĦ LURA TA' TENDENZI 'L FUQ SINIFIKANTI U SOSTNUTI

Parti A

Identifikazzjoni u treġġigħ lura ta' tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti

L-Awtorità tidentifika tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti fil-korpi jew gruppi ta' korpi kollha ta' ilma ta' taħt l-art li huma karatterizzati bħala li huma f'riskju skond it-Tieni Skeda għar- Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, tenut kont il-ħtiġiet li ġejjin:

1) skond is-Sezzjoni 2.4 tal-Ħames Skeda għar-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, il-programm ta' monitoraġġ se jkun imfassal b'mod li josserva tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti f'konċentrazzjonijiet tal-kontaminanti identifikati skond l-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva;

2) il-proċedura għall-identifikazzjoni ta' tendenzi sinifikanti u sostnuti li qed jiżdiedu tkun ibbażata fuq l-elementi li ġejjin:

a) il-frekwenzi ta' monitoraġġ u s-siti ta' monitoraġġ se jiġu magħżula b'mod li jkunu suffiċjenti biex:

i) jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex jiżguraw li dawk it-tendenzi li qed jiżdiedu jkunu jistgħu jintgħarfu minn varjazzjoni naturali b'livell adegwat ta' kunfidenza u preċiżjoni;

ii) jippermettu l-identifikazzjoni ta' tali tendenzi li qed jiżdiedu fi żmien biżżejjed li jippermetti li miżuri jiġu implimentati biex jipprevjenu, jew għall-inqas jimmitigaw safejn hu prattikabbli, bidliet ambjentalment sinifikanti li jikkawżaw ħsara fil-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art. Din l-identifikazzjoni se titwettaq għall-ewwel darba fl-2009, jekk ikun possibbli, u se tikkunsidra d-*data* eżistenti, fil-kuntest tar-rapport dwar l-identifikazzjoni ta' tendenzi fl-ewwel pjan ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara imsemmi fir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, u mill-anqas kull sitt snin minn hemm 'il quddiem;

iii) jikkunsidraw l-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi temporali tal-korp tal-ilma ta' taħt l-art, inkluż il-kundizzjonijiet tal-fluss tal-ilma ta' taħt l-art u r-rati ta' ħlas mill-ġdid u l-ħin meħud għat-tnixxija fil-ħamrija u fil- ħamrija ta' taħt.

b) il-metodi ta' monitoraġġ u analiżi li jintużaw se jikkonformaw mal-prinċipji internazzjonali ta' kontroll fuq il-kwalità, inklużi, jekk rilevanti, il-metodi CEN jew metodi ta' *standards* nazzjonali, biex jiżguraw kwalità xjentifika ekwivalenti u tqabbil tad-*data* provduta;

ċ) il-valutazzjoni se tkun ibbażata fuq metodu ta' statistika, bħal analiżi tar-rigressjoni, għal analiżi ta' tendenzi f'serje temporali ta' punti ta' monitoraġġ individwali;

d) sabiex jiġi evitat distorsjoni fl-identifikazzjoni tat-tendenzi, il-miżuri kollha taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni se jiġu ffissati għal nofs il-valur tal-ogħla limitu ta' kwantifikazzjoni li jsir f'serje temporali, ħlief għal pestiċidi totali.

3. l-identifikazzjoni ta' tendenzi 'l fuq u li huma sinifikanti u sostnuti fil-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jokkorru kemm b'mod naturali kif ukoll bħala riżultat ta' attivitajiet umani ser tikkunsidra l-livelli ta' bażi u, fejn tali data hija disponibbli, id-data miġbura qabel il-bidu tal-programm ta' monitoraġġ sabiex isir rapport dwar l-identifikazzjoni ta' tendenzi fl-ewwel pjan ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara imsemmi fir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, fejn dik id-*data* tkun disponibbli.

Parti B

Punt tat-tluq ghat-treġġigħ

L-Awtorità ser treġġa` lura tendenzi identifikati li qed jiżdiedu u li huma sinifikanti u sostnuti, skond regolament 6, filwaqt li tikkunsidra l-ħtiġiet li ġejjin:

1) il-punt tat-tluq għall-implimentazzjoni tal-miżuri biex treġġa` lura tendenzi sinifikanti u sostnuti li qed jiżdiedu se jkun meta l-konċentrazzjoni tal-kontaminant tilħaq il-75%

tal-valuri parametriċi tal-i*standards* tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art stabbiliti fl-Ewwel Skeda u tal-valuri ta' limitu stabbiliti skond ir-regolament 4, ħlief jekk:

a) ikun meħtieġ punt ta' tluq iżjed qabel biex jippermetti li miżuri ta' treġġigħ lura tat-tendenza jipprevjenu bl-iżjed mod effettiv fl-infiq, jew għall-anqas biex jimmitigaw kemm jista' jkun, kwalunkwe bidliet ambjentalment sinifikanti li jikkawżaw ħsara lill-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art;

b) punt ta' tluq differenti jkun ġustifikat fejn il-limitu ta' skoperta ma jippermettix l-istabbiliment tal-preżenza ta' tendenza f'75 % tal-valuri parametriċi; jew

ċ) ir-rata ta' żjieda u l-proċess ta' treġġigħ lura tat-tendenza jkunu hekk li punt ta' tluq iżjed tard għall-miżuri ta' treġġigħ lura tat-tendenza xorta jippermetti li tali miżuri jipprevjenu bl-iżjed mod effettiv fl-infiq, jew għall-anqas jimmitigaw kemm jista' jkun, kwalunkwe bidliet ambjentalment sinifikanti li jikkawżaw ħsara lill-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art. Dak il-punt tat-tluq iktar tard m' għandux iwassal għal dewmien fil-kisba tat-terminu perentorju għall-objettivi ambjentali.

Għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 91/676/KEE, il-punt tat-tluq għall-implimentazzjoni ta' miżuri biex ireġġgħu lura tendenzi sinifikanti u sostnuti li qed jiżdiedu se jiġi stabbilit skond dik id-Direttiva u r-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma u, b' mod partikolari, jkunu konformi mal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

objettivi ambjentali għall-protezzjoni tal-ilma kif stabbilit fir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta’ Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma;

2) Ġaladarba jkun ġie stabbilit punt ta' tluq għal korp tal-ilma ta' taħt l-art karatterizzat bħala li huwa f'riskju skond is-Sezzjoni 2.4.4 tal-Ħames Skeda li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta’ Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma u skond il-punt 1 hawn fuq, dan ma jinbidilx matul iċ-ċiklu ta' sitt snin tal-pjan ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara meħtieġ skond ir-Regolamenti tal-2004 dwar Pjan ta’ Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma;

3) it-treġġigħ lura ta' tendenzi se jintwera, tenut kont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' monitoraġġ li jinsabu fil-punt 2 tal-Parti A.